MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 583/2012

**Appell Nru: 583/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**John Anthony Ellul Vincenti**

Illum 28 ta’ Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellant John Anthony Ellul Vincenti, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 242666M akkuzat talli:

Ghan-nom u in rapprezentanza ta' Temple Holdings Limited (C8516) u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Misjud skond l-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess att, fis-26 ta' Settembru, 2011, gewwa 216, Triq ix-Xatt, Pieta, pprovda jew offra li jipprovdi lil persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda ta' l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru: XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 ta' l-Istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati mghotija fil-5 ta' Dicembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(o) u 82 u l-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-impuat hait u kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' €900 (disa' mitt euro).

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors ta' John Anthony Ellul Vincenti pperezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant John Anthony Ellul Vincenti:

I. L-ARTIKOLU 77 (0) TAL-KAPTOLU 406

ILLI l-imputazzjoni li giet dedotta kontra l-esponent hija bbazata fuq l-Artikolu 77 (o) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipula testwalment is-segwenti:

***77.*** *Kull persuna li –*

*(o) tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, waqt li tkun sprovvista, fil-lok fejn tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, minn cash register fiskali jew kotba tar-riċevuta fiskali kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju;*

*Tkun hatja ta' reat ...*

ILLI, fil-fatt, it-Tahrika ta' kawza tal-Pulizija li gie notifikat biha l-esponent tirriproduci testwalment il-kliem ta' dan l-Artikolu;

ILLI, fil-fehma umli tal-esponent, ghandha ssir distinzjoni netta bejn l-Artikolu suespost, u l-artikolu 77 (e) illi jghid testwalment is-segwenti:

***77.*** *Kull persuna li –*
*(e) tonqos milli tagħti jew tipproduċi fattura ta' taxxa jew fattura oħra jew dokument kif u meta meħtieġ bl-artikolu 50, 51 jew 52 jew tagħti fattura ta' taxxa jew fattura oħra jew dokument li jkunu mhux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali jew tonqos milli tipprovdi lill-Kummissarju, mingħajr ebda raġuni valida, il-kopji kollha ta' kull riċevuta fiskali manwali kemm użata kif ukoll mhux użata meta jkunu meħtieġa mill-Kummissarju;*

*Tkun hatja ta' reat...*

ILLI l-esponent, f'dan il-kaz, ma giex akkuzat b'xi nuqqasijiet in konnessjoni mal-invoice illi nharget nhar is-26 ta' Settembru 2012 - in linea mal-Artikolu 77 (e) sucitat - izda gie akkuzat unikament talli dak inhar tas-26 ta' Settembru 2012 huwa ma kellux cash register fiskali jew kotba tar-ricevuta fiskali mahruga jew approvati mill-Kummissarju gewwa l-post tan-negozju tieghu in linea mal-Artikolu 77 (o) sucitat;

ILLI ghandu jinghad illi minkejja li dan l-aggravju huwa wiehed ta' natura purament legali, ossija bbazat fuq id-distinzjoni bejn l-Artikolu 77 (o) u 77 (e) tal-Kapitolu 406, l-istess imsemmija distinzjoni holqot diffikultajiet kbar lill-

esponent fid-difiza tieghu billi, qabel l-ewwel debra quddiem l-Ewwel Qorti, huwa ma setghax jifhem kif kienet giet dedotta l-imputazzjoni odjerna kontra tieghu meta huwa kien cert - kif addirittura rrizulta wkoll mill-provi b'mod lampanti quddiem l-istess Qorti illi dak inhar tas-26 ta' Settembru, 2011 huwa effettivament kellu kotba tar-ricevuta fiskali, mahruga jew approvati mill-Kummissarju, fil-post tan-negozju tieghu;

ILLI, effettivament, kien biss fil-kors tal-gbir tal-provi quddiem l-Ewwel Qorti illi rrizuita illi l-Kummissarju ma kienx qieghed jallega li dan ma kienx minnu, ossija ma kienx qieghed jallega ksur tal-Artikolu 77 (o), izda kien qieghed jallega biss illi nhar is-26 ta' Settembru 2011 l-esponent kien hareg fattura ta' taxxa li ma kienitx korretta, bi ksur tal-Artikolu 77 (e), billi din kellha tinhareg permezz ta' cash register fiskali;

ILLI, fil-fatt, l-Ewwel Qorti sostniet, fost ohrajn, is-segwenti fis-sentenza appellata:

*Illi l-fatt li huma kellhom kotba ta' l-ircevuti fil-hanut dan ma jfirssirx li huwma ssodisfaw il-vot tal-ligi ghaliex dak il-ktieb jista jintuza biss f'kas ta' emergenza jekk il-cash register tizviluppa hsara.*

ILLI jidher, ghalhekk, illi l-Ewwel Qorti strahet fuq il-partita 3 tat-Tlettax il-Skeda li tghid testwaiment:

*3. (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-partiti 4, 5, 6 u 7 ta' din l-Iskeda, ricevuta fiskali li tinhareg minn persuna li tkun beijiegha bi-imnut jew li n-negozju taghha jinkludi provvisti ta' ikel imsemmija fil-partita 2 tat-Taqsima Hamsa tal-Hames Skeda li tinsab ma' dan l-Att ghandha tinhareg permezz ta' cash register fiskali: izda ghar-rigward ta' xi provvista li ssir minn dik il-persuna f'xi zmien li matulu hija ma tkunx tista' ghal raguni valida, tohrog ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali, hija ghandha tohrog ricevuta fiskali f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju.*

ILLI, madanakollu, u dejjem fil-fehma umli tal-esponent, l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu ma setghet qatt

tirrizulta minn ksur tal-partita sucitata billi r-reat kontemplat taht l-Artikolu 77 (o), u cjoe' fl-imputazzjoni odjerna, ma jikkontemplax ic-cirkostanzi mfissra fl-istess partita;

ILLI, fil-fatt, din il-partita tikkontempla cirkostanzi partikolari dwar bejjiegha bl-imnut u tghid illi dawn ghandhom dejjem johorgu ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali hilef jekk din ma tkunx tista' tinhareg ghal raguni valida, u sakemm tali bejjiegha ma jkunux gew ezentati milli johorgu l-istess bis-sahha ta' ezenzjoni miksuba taht partita 11 tal-istess Skeda;

ILLI x'sens jaghmel illi 1-esponent jigi akkuzat illi huwa ma kellux cash register fiskali jew kotba tar-ricevuta fiskali mahruga jew approvati mill-Kummissarju, meta l-allegazzjoni tal-istess Kummissarju hija, effettivament, li 1-esponent keilu dejjem johrog ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali u naqas mliii jaghmei dan?

ILLI tajjeb illi jinghad illi t-Tlettax il-Skeda hiia intestata wkoll "Artikolu 51", liema Artikolu ssir referenza cihalih fl-Artikolu 77 (e) u mhux ukoll fl-Artikolu 77 (o) - u jghid testwaiment liii:

*Kull persuna i taghmel xi provvista, hilef ghal provvista ezenti bla kreditu jew hlief ghal provvista li dwarha hija mehtiega li tinhareg fattura ta' taxxa skond 1-artikolu 50, ghandha tipprovdi lill-persuna li lilha ssir il-provvista fattura, ricevuta jew dokument iehor li ghandu jinhareg fil-forma u b'dak il-mod u ghandu jkun fih dawk il-partikolaritajiet kif murija fit-Tiettax il-Skeda.*

ILLI, fil-fatt, kif gja' inghad, l-Artikoiu 77 (e) jghid illi persuna tkun hatja ta' reat jekk "tonqos milli taghti jew tipproduci fattura ta' taxxa jew fattura ohra jew dokument kif u meta mehtieg bl-artikolu 50, 51 jew 52 jew taghti fattura ta' taxxa jew fattura ohra jew dokument li jkunu mhux korretti";

ILLI dan kollu, fil-fehma umli tal-esponent, ikompli jsahhah it-tezi tieghu illi ksur tad-disposizzjonijiet tal-partita 3 tat-

Tiettax il-Skeda jista' biss iwassal ghar-reat kontemplat fl-Artikoiu 77 (e) u mhux ukoll ghal dak kontempiat fl-Artikolu 77 (0), ossija dak dedott fl-imputazzjoni odjerna;

ILLI, fil-fatt, mili-provi li gew prodotti quddiem l-Ewwei Qorti, rrizulta car u manifest illi minkejja li l-esponenti ma kellux cash register fiskali dak inhar tas-26 ta' Settembru 2012, huwa effettivament kellu kotba tar-ricevuta fiskali mahruga jew approvati mill-Kummissarju ghal-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 77 (o) surifferit;

ILLI dan il-fatt gie rikonoxxut mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, u gie kkonfermat mix-xhud tal-prosekuzzjoni stess Tereza Tanti, flimkien mal-esponent, u dan kollu f'cirkostanzi fejn dan l-anqas biss seta' jigi nnegat mir-rapprezentanti tai-Kummissarju billi huma ma wettqu 1-ebda spezzjoni nhar is-26 ta' Settembru 2011;

ILLI, ghaihekk, persuna li ma tosservax id-disposizzjonijiet tal-partita 3 tat-Tlettax il-Skeda, kif gie allegat mill-Kummissarju f'dan il-kaz, izda li jkollha kotba tar-ricevuta fiskali mahruga jew approvati mill-Kummissarju, kif gie ppruvat ampjament f'dan ii-kaz, ma tistax, fil-fehma umli tal-esponent, tinstab hatja tar-reat simplistiku kontempiat taht l-Artikolu 77 (o);

ILLI, ghal din ir-raguni, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-Ewwel Qorti kellha taghddi sabiex tilliberah mill-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu;

II. RAGUNI VALIDA

ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija l-umli fehma tal-esponent illi huwa ressaq prova cara quddiem l-Ewwel Qorti tar-ragiuni valida li kienet tezisti u li konsegwentement kienet tiggustifika l-fatt illi huwa, minkejja li kellu kotba tar-ricevuta fiskali mahruga jew approvati mill-Kummissarju gewwa n-negozju tieghu dak inhar tas-26 ta' Settembru 2011, ma kellux ukoll cash register fiskali;

ILLI, fll-fatt, l-esponent spjega fix-xhieda tieghu - u dan gie anke rikonoxxut fis-sentenza appellata illi huwa, principaiment, huwa bejjiegh bl-ingrossa u mhux bejjiegh bl-imnut kif imfisser fil-partita 3 tat-Tlettax il-Skeda. Madanakoilu, l-esponent kompla jispjega illi waqt spezzjoni li kienet saret mir-rapprezentanti tal-Kummissarju precedentement ghal dik tat-30 ta' Settembru 2011, huwa kien gie infurmat illi, minkejja dan kollu, huwa xorta wahda kellu bilfors juza cash register fiskali sakemm ma japplikax ghal ezenzjoni taht partita 11 tat-Tiettax —il Skeda;

ILLI, effettivament, mill-provi li gew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, rrizuita car illi l-esponent kien gja' applika ghall-ezenzjoni msemmija nhar is-26 ta' Settembru 2011 u li, f'dak il-mument, huwa kien qieghed jistenna illi din l-applikazzjoni tigi debitament determinata mill-Kummissarju. Mill-istess provi rrizuita wkoll illi din l-applikazzjoni giet, effettivament,
sussegwentement determinata u approvata mill-istess Kummissarju;

ILLI, fil-fehma umli tal-esponent, il-fatt illi l-Kummissarju jkun ghadu ma ddeterminax applikazzjoni maghmuiha minn bejjiegh taht partita 11 tat-Tiettax il-Skeda ghandu jikkostitwixxi raguni valida ghaliex ma tintuzax cash register fiskali minn bejjiegh ai fini tal-partita 3 tal-istess Skeda;

ILLI, altrimenti, jekk kemm il-darba dan il-fatt ma jitqiesx bhala raguni valida, dan ikun ifisser illi bejjiegh ikollu biifors jaghlaq in-negozju tieghu sakemm il-Kummissarju jiddetermina appiikazzjoni ghal-ezenzjoni skond l-imsemmi partita 11, jew altrimenti jinvesti sostanzjalment f'cash register fiskali, liema process necessarjament ser jiznatura ghal kollox il-fakolta' moghtija bl-istess imsemmija partita 11;

ILLI, ghal din ir-raguni wkoll, l-esponent huwa tal-umli fehma illi huwa kellu jigi liberat mill-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu;

III. PIENA

ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-piena li giet inflitta mill-Ewwel Qorti, in vista tac-cirkustanzi kollha tal-kaz, kienet wahda eccessiva u ghalhekk, f'kaz li din 1-Onorabbil Qorti joghgobha tikkonferma l-htija tal-esponent, din l-istess Onorabbli Qorti hija gentilment mitiuba sabiex tvarja l-piena, ossija tnaqqas il-multa ta' €900, li gie imposta fuq l-esponent mill-Ewwel Qorti;

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa Direttur ta' Temple Holdings Limited u huwa persuna registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi ta' Valur Mizjud skont l-Att tan-1998. Din is-socjeta tiggestixxi hanut bl-isem ta' Vinci fin-numru 216 Triq ix-Xatt, Pieta. Fit-30 ta' Settembru, 2011 marru l-VAT Inspectors Anton Borg u Joseph Dimech fejn sabu illi dan il-hanut kien sprovist minn Cash Register fiskali jew kotba ta' l-ircevuti fiskali. Joseph Dimech xehed illi dakinhar illi mar fil-fond kellmu lil Theresa Tanti li kienet impjega u qaltilhom illi r-rendikont tal-VAT johrogha l-appellant fl-ahhar ta' kull gurnata. L-Ispetturi tal-VAT setghu jaraw zewg ircevuti esebiti (a fol 15 u 16), izda fuq il-fond ma kienx hemm cash register u lanqas VAT Recept Books. Il-post kien wiehed retail u suppost kellu l-"exemption numbers" stampat fuq kull ircevuta. L-appellant ipprovda "exemption number" f'hanut partikulari f'San Gwann u Joseph Dimech spjega li l-"exemption number" dejjem jibqa l-istess pero' jrid ikun hemm approvazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghal kull "outlet" illi jintuza dan l-"exemption number".

Theresa Tanti xehdet illi f'Settembru 2011 kienet tahdem f'dan il-hanut Vinci l-Imsida. Fit-30 ta' Settembru, 2011 gew l-Ispetturi tal-VAT u kienet hi li sampat l-ircevuti a fol 15 u 16, pero' ma tiftakarx jekk ghamlitx il-bejh jew le, dejjem harget l-invoice b'dak il-mod, VAT recept book kellha pero' l-appellant kien qallha biex ma tuzahx ghax dak kien biss ghas-servizzi u mhux ghal bejh komuni,

pero' kkonfermat illi Cash Register ma kienx hemm. L-appellant qal li r-recept book kien qieghed fil-kexxun ta' l-iskrivanija tieghu u ghal kull bejh li jsir mill-fond kienu johorgu invoice u rcevuta. Fil-hanut ta' San Gwann dejjem kien hemm "exemption number" pero' fil-hanut tal-Pieta jew ta' l-Imsida ma kienx hemm "Cash Register" ghax hemmhekk kien "wholesale" biss u deherlu li ma kienx hemm ghalfejn igib ukoll "exemption number" ukoll ghall-Imsida, hadd ma qallu biex jaghmel dan. Spjega illi disghin fil-mija tal-bejh kien "wholesale". L-appellant argumenta illi huwa sar jaf illi kellu japplika sabiex ikollu "exemption number" ghal hanut ta' l-Imsida fil-mori ta' dan l-appell u l-unika nuqqas tieghu kien li l-"exemption number" ma kienx stampat fuq l-ircevuta. Fi kwalunkwe kaz argumenta illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti f'dawn ic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti hi sodisfatta illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni illi fit-30 ta' Settembru, 2011 u fis-26 ta' Settembru, 2011 meta sar bejgh mill-fond ta' l-Imsida ma kienx hemm "Cash Register" u lanqas VAT receipt book. L-appellant jghid illi kellu VAT receipt book fl-iskrivanija. Dak mhux il-post fejn jinzamm VAT receipt book li jrid ikun dejjem disponibbli ghal min ikun jopera l-hanut fil-kaz illi jigri xi hsara lill-Cash Register. Irrizulta wkoll illi fil-lok kien hemm oggetti ghall-bejh u sar ukoll bejh li ma giex segwit b'ircevuta fiskali kif trid il-Ligi. Irrizulta illi l-appellant kellu approvazzjoni ghall-"exemption number" fl-"outlet" li kellu San Gwann izda mhux ta' l-Imsida. Veru illi li kieku applika kien jinghata l-istess "exemption number" ghal ta' l-Imsida, pero' ma applikax u sar jaf biss illi dan kien obligu minnnahha tieghu fil-mori ta' dan l-Appell. Ovvjament illi ma tkunx taf il-Ligi mhijiex skuza u ma jistax jinheba wara dan l-argument.

Kif jidher mill-ircevuti esebiti f'dawn l-Atti ma kienx hemm stampat fuhom l-exemption number, ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiema

setghet liberament u ragunevalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti tigi disturbata jekk il-piena nflitta tkuntidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi dina setghet kienet mod iehor. Din il-Qorti rat illi l-piena nflitta hija fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi dina tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------